# Kapitolu Ġdid fl-Istorja tal-Ħajja ta' San Lawrenz

*minn George Cilia*

In-novena tas-sena 2006 kien ġie magħżul biex jagħmilha Patri Kapuċċin William Axiaq, Predikatur famuż, li ppriedka fil-knejjes kollha ta' Malta. Huwa miet fit- 8 ta' Mejju ta' din is-sena. Fl-ewwel jum tan-Novena Patri William fakkarna kif meta l-patrijiet tal-kunvent ta' Santa Liberata fil-Kalkara kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni ta' San Lawrenz. Huwa kien dejjem hemm, il-pjaċir tiegħu jakkumpanja f'din il-festa bħala devot tal-Madonna tal-Grazzja u ta' dan il-qaddis. Fl-istess sena il-Papa preżenti Benedittu XVI ħareġ l-ewwel enċiklika tiegħu "Deus Caritas Est". Il-predikatur b'referenza għaliha staqsiena jekk nafux x'fiha l-enċiklika. Kulħadd baqa' ssummat, sakemm beda jispjega it-tagħlim tal-Papa miktub fuq il-karita`, fejn jipprova juri l-vera tifsira tal-imħabba, waqt li jinsisti li l-vera mħabba tiġi minn Alla u hija rifless tal-imħabba t'Alla għall-Umanità.

Il-ktieb tal-ħajja ta' San Lawrenz Levita u Martri tal-Patri Ignazio Como Lilibertano bit-Taljan jinsab fl-arkivju tal-parroċċa. L-Arċipriet jisilfu lill-predikatur magħżul biex jesegwixxi l-priedki tan-novena bi preparazzjoni għall-festa tal-qaddis. Il-Vittoriosan G.G. Agius, lingwista, qaleb għall-Malti fl-1887 din l-istorja. Jien għandi kopja bil-lingwa antika Maltija ta' din l-opra.

Il-ktieb huwa mqassam f'żewġ taqsimiet. L-ewwel waħda tikkonsisti f' 25 kapitlu u t-tieni taqsima tinkkonsiti f'19-il kapitlu. L-ewwel taqsima tibda bil-pajjiż, twelid, ġenituri, studji, l-istedina u t-trasferiment lejn Ruma, djakonat, persekuzzjoni tal-insara, kalzri, turmenti, gradilja u prodiġji li wasslu għall-mewt tad-djaknu. It-tieni taqsima titratta fuq is-solennita` tal-jum tal-10 t'Awwissu fid-dinja kattolika, monumenti, knejjes, Bażilika patrijarkali, relikwiji, devozzjoni, unuri minn diversi Papiet speċjalment mill-Papa Piju IX, dehriet, mirakli, grazzji maqlugħa, fejqan mill-mard, difensur tal-onesta` u għajnuna waqt il-ħtieġa.

Il-Papa Benedittu XVI donnu jixtieq iżid kapitlu ieħor f'din l-istorja meraviljuża, kaptilu ġdid b'siltiet mill-enċiklika msemmija u referenzi oħra fid-diskorsi importanti tiegħu.

## Siltiet Lawrenzjani



L-ewwel silta meħuda mid-"Deus Caritas Est" paragrafu 23 taħt it-titlu "Il-Karita` dmir tal-Knisja";

"Hawnhekk jista' jkun ta' siwi li nsemmi l-istrutturi legali bikrija li kellhom x'jaqsmu mal-ħidma tal-karita` fil-knisja. F'Ruma nsibu dokument dwar id-djakonija mis-seklu sebgħa u tmienja, iżda qabel, fil-fatt sa mill-bidu, is-servizzi t'għajnuna lill-foqra u l-batuti, kienu parti essenzjali tal-Knisja Rumana, skont il-prinċipji tal-ħajja nisranija li nsibu fl-Atti tal-Appostli. Id-djaknu Lorenzu nnifsu (miet fis-sena 258) wettaq dan id-dmir b'ħeġġa l-aktar kbira. Ix-xena drammatika tal-martirju tiegħu kien jaf biha Sant' Ambroġ (miet fis-Sena 397) fil-qalba tagħha turina tassew ix-xbieha awtentika tal-qaddis. Wara l-arrest tal-Papa u djakni sħab Lawrenz, lil dan bħala responsabbli biex jieħu ħsieb



il-foqra ta' Ruma, tawh ċertu żmien biex jiġbor it-teżori tal-knisja u jagħtihom lill-awtoritajiet ċivili. Huwa qassam lill-foqra il-ġbir kollu li sab lest u wara lill-awtoritajiet ressqilhom il-foqra nfushom bħala l-vera teżor tal-knsija. Hi x'inhi l-opinjoni dwar il-probabbiltà storika ta' din il-ġrajja liema bħala, Lawrenz baqa' dejjem preżenti fil-memorja tal-knisja bħala promotur kbir tal-karità ekkleżjali". Silta oħra mid-diskors tal-Papa li għamel waqt sessjoni tal-Kunsill Pontifiċju għall-kura tas-saħħa pastorali fit-30 ta' Ġunju 2007. Fil-qalba tal-messaġġ Kristjan Benedittu XVI fakkar li "l-karita` hija d-dmir tal-knisja, aktar u aktar meta din tiġi applikata fil-kura tal-morda, xi ħaġa li kienet sa mit-twaqqif tal-knisja... tajjeb niftakru fil-ħidma bla waqfien tal-Appostli, tad-djakni u ta' bosta nies oħra".

Silta oħra waqt l-udjenza mad-djakni permanenti tad-djoċesi ta' Ruma fit-18 ta' Frar 2006, il-Papa jitkellem fuq l-eżerċizzju tal-karita`, "li jappartjeni sa mill-bidu tal-knisja lill-ministeru tad-djakonija. Is-sebgħa imsemmija fl-Atti tal-Appostli ġew magħżula biex iservu l-komunità. Intom li tagħmlu parti mill-knisja ta' Ruma, eredi ta' tradizzjoni twila, għandkom fid-Djaknu Lorenzu, figura waħdanija simpatika li tiddi".

Il-vjaġġ tal-Papa għal Ġenova fit-18 ta' Mejju 2008; f'din iż-żjara, kellu laqgħa mal-kanoniċi tal-Katidral ta' San Lawrenz. Huwa kellem lir-reliġjużi miġbura hemm, ħeġġiġhom għall-ħtieġa urġenti tal-Fedelta` tagħna lejn Alla. "Dan huwa l-invit tiegħi lejkom, b'mod speċjali għat-talb. Nafdakom ilkoll lejn il-Madonna tal-Gwardja, lejn San Lawrenz, San Ġwann Battista u l-qaddisin protetturi tagħkom".




## Għerf Soċjali

Meta l-Papa Sistu II mar Spanja fis-sena 242 sar jaf u sema' bil-fama u l-intelliġenza li ġa kien jippossjedi l-ġuvni Lorenzu għad-duttrina tiegħu, bagħat għalih u staqsieh jekk iridx imur Ruma miegħu. Lorenzu aċċetta l-istedina, minnufih beda l-istudji u tħabrik fost l-ewlenin insara, il-foqra, il-batuti u l-morda. Il-Papa preżenti ukoll jidher li qed jispira ruħu mill-għerf soċjali li wera` San Lawrenz f'ħajtu biex iwassal it-tagħlim ta' Kristu fid-dinja tal-lum.

